Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11608/26
ADD 1

LIMITE

AG 112

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Dikjarazzjoni dwar l-ittra mis-Sur Pascal SCHONARD, Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (APPF), dwar fatti li jitfgħu dubju fuq il-konformità tal-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani mal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni<br>- Dikjarazzjoni mill-Italja |

L-Italja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Coreper u tal-Kunsill.

**ANNESS**

**Dikjarazzjoni mill-Italja dwar il-punt II-32 (*Dikjarazzjoni dwar l-ittra mill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (APPF) - tħejjija għall-approvazzjoni*) tal-laqgħa tal-Coreper II tal-Ġimgħa, 10 ta' Lulju 2026**

L-Italja tirrikonoxxi t-talba tal-Parlament Ewropew biex tinbeda l-proċedura ta' verifika prevista fir-Regolament dwar il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ir-Regolament (UE) 2025/2445) u ttenni l-importanza ta' konformità sħiħa mal-proċeduri u l-kompetenzi stabbiliti mill-qafas regolatorju applikabbli.

L-Italja tenfasizza l-ħtieġa li dan il-proċess jitwettaq b'mod indipendenti, imparzjali u trasparenti, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-oġġettività, it-trattament ugwali u ċ-ċertezza legali.

L-Italja tistenna li l-valutazzjoni tkun ibbażata esklużivament fuq elementi fattwali, verifikabbli u rilevanti fir-rigward tal-kriterji stipulati fir-Regolament (UE) 2025/2445, u li kwalunkwe konklużjoni tkun ir-riżultat ta' eżami rigoruż u oġġettiv tal-evidenza disponibbli, inkluż permezz tal-involviment sħiħ tal-Kumitat ta' Persuni Eminenti Indipendenti.

L-Italja tfakkar fl-importanza li tinżamm il-fiduċja fl-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-partiti politiċi Ewropej, billi jiġi żgurat li l-istrumenti previsti fihom jintużaw b'mod konsistenti, proporzjonat u mhux diskriminatorju.

PUBLIC